MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru 23/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Francis Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francis Sammut**, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 592653(M), bin Francis u Maria Sammut neé Debono, imwieled San Giljan fl-20 ta' Awwissu 1953 u joqghod gewwa Ll-Gnejna, Triq in-Namur, Iklin, akkuzat talli fl-10 ta' Jannar 2013 ghal-habta tas-14.45hrs gewwa Triq John F. Marks, San Gwann:

1. irrifjuta li jaghti jew ta falz, lill-ufficjal pubbliku li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolarijiet ohra;

2. u aktar talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija Ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku u cioé lil PC 917, jew ma halliex jew fixkel lil Pulizija waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u dana wara li l-Qorti nfurmatu li huwa kellu l-ghazla li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, u dana kif verbalizzat fis-seduta tallum.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mismugha jirrizulta li z-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 338(g) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ammenda ta' hamsa u ghoxrin Euro (€ 25.00) ghall-ewwel (1) imputazzjoni u ammenda ta' hamsa u ghoxrin Euro (€ 25.00) ghat-tieni (2) imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------